

# Ta' Żeppi – Il-Masġar Organiku taż-Żebbuġ fil-Fawwara

kitba ta' Marie Louise Zammit

F'Malta nisimgħu ħafna dwar il-ħsarat li ċerti kimiċi li jintużaw fil-produzzjoni agrikola jikkawżaw fuq l-ambjent, u kemm il-preżenza ta' dawn il-kimiċi fil-ħaxix u l-frott li nixtru jistgħu ikunu ta' detriment għal saħħitna. Però ftit li xejn nisimgħu li hawn metodi ta' kultivazzjoni li jipproteġu kemm lil ambjent kif ukoll lis-saħħa tal-konsumaturi. Dawn il-metodi ta' produzzjoni jissejħu **organiċi** u jinvolvu l-prattika ta' sistemi agrikoli li jkabbru ħxejjex u frott mingħajr l-użu ta' pestiċidi u fertilizzanti artifiċjali. Kollox isir bl-aktar mod naturali. U hawn Malta jeżistu xi produtturi li jużaw dawn is-sistemi. Fosthom produttur taż-żebbuġ tal-mejda u żejt taż-żebbuġa li jinsab mhux wisq il-bogħod minn hawn – f'masġar ġewwa l-Fawwara, limiti tas-Siġġiewi, li jġib l-isem "Ta' Żeppi".

Iltqajt ma' Joe Borg li huwa sid dan il-masġar f'ġurnata sabiħa u kollha xemx tar-Rebbiegħa. Ix-xemx kienet taħraq, imma l-friegħi mgħobbijin biż-żgħar taż-żebbuġ offrew dell mill-qilla tar-raġġi filwaqt li l-fewġa ħelwa tar-riħ dieħel minn nofsinhar taffa mis-sħana, pjuttost barra minn żmienha li kellna f'din l-aħħar sena. Hekk introduċa ruħu Joe, billi tani rendikont ta' kif l-impatt ta' l-attivitajiet tal-bnedmin qed ikollhom effetti negattivi fuq il-klima. Qalli li l-agrikoltura, sfortunatament, hija waħda mis-setturi li l-aktar għandha impatti fuq l-ambjent, speċjalment fejn għandhom x'jaqsmu r-riżorsi naturali bħall-ħamrija u l-ilma. Huwa għalhekk li llum 'l ġurnata qed jinħass il-bżonn li ssir bidla ta' kif aħna nipproduċu l-ikel tagħna billi nies bħalu joffru aktar informazzjoni u tagħlim b'kull mezz possibbli 'l dawk li għandhom interess u għal qalbhom in-natura w saħħithom.

## Il-Kondizzjonijiet li Fih Jikber Dan il-Masġar

L-għalqa ta' Joe hija kbira ħafna u tħares lejn nofsinhar, faċċata eżatt ta' Filfla. Hija lokalizzata mal-ġenb ta' l-irdumijiet weqfin tal-Fawwara u għalhekk l-għalqa tikkonsisti f'sensiela ta' għelieqi mtarrġin waħda fuq waħda. L-aktar irjieħat li jolqtu huma dawn ġejjin minn Nofsinhar, liema rjieħ huma ġeneralment b'saħħithom, sħan, umdużi u mgħobbijin bil-melħ minn fuq il-baħar. Il-ħamrija hija prodott tal-ġebel ta' dawk l-inħawi u għalhekk għandha livell għoli ta' alkalina, jiġifieri m'hijiex aċiduża peress li fiha kontenut għoli ta' ġibs. Tul in-niżla kollha hemm sistemi sotterranji ta' kanali u ġibjuni ta' l-ilma li minnhom jittieħed l-irrigazzjoni skond il-bżonn għat-tisqija tas-siġar. Dawn huma kondizzjonijiet idejali għas-siġra taż-żebbuġ għax din it-tip ta' siġra tirrekjedi, xemx, ħamrija alkalina, kapaċi tirreżisti n-nixfa u tiflaħ għall-melħ li jkun hemm fl-arja, insomma klima u tipoloġija tipika tal-Mediterran.

## Il-Varjetajiet tas-Siġar taż-Żebbuġ

Skond dak li qalli Joe Borg, kemm jekk il-prattika tkun organika kif ukoll konvenzjonali (tip ta' produzzjoni l-aktar pprattikata u li nafu biha), huwa mportanti li jsir studju tal-kondizzjonijiet li fih ikun se jinżera masġar ġdid, sabiex il-produttur iserraħ moħħu li se jinvesti fis-sod u ma jkollux telf ta' flus riżultat ta' nuqqas ta' ppjanar bil-ħsieb. Għaldaqstant, il-varjetà, jew varjetajiet tas-siġar huwa mportanti ħafna. Dan għaliex, illum il-ġurnata għal kull tip ta' siġra jeżistu ħafna varjetajiet differenti li jkollhom karatteristiċi speċifiċi skond il-kondizzjonijiet li se jikbru fihom. Dawn il-karatteristiċi jistgħu jkunu kapaċitajiet għal addattament ta' kondizzjonijiet ambjentali, eżempju kwalità ta' ħamrija (aċiduża jew alkalina) jew kwalità ta' ilma (mielaħ jew tqil), kwalitajiet reżistenti għal ċertu insetti jew mard. kif ukoll kwalitajiet mixtieqa tal-prodott finali, jew aħjar kwalitajiet tal-frotta taż-żebbuġ fost l-aktar imfittxija mill-konsumatur u rikjesti mis-suq lokali (ez : togħma).

Il-varjetatjiet tas-siġar taż-żebbuġ li jkabbar Joe huma dawk li jipprovdu reżistenza għal ċertu tip ta' mard u nsetti, jifilħu għal tip ta' arja pjuttost mielħa (peress li ġejja minn fuq il-baħar) u li jipproduċu ħafna frott ta' certa' daqs u ta' livelli għoljin ta' żejt. Fost l-aktar li għandu nsibu l-varjetà:-

- **Leccino** – li tipproduċi żebbuġ għal għasir;
- **Giraffa** – tipproduċi żebbuġ tal-mejda, jew aħjar biex jittiekel sħieħ;
- **Uova di Piccione** – li tipproduċi żebbuġ kbir tal-mejda;
- **Carolea** – hija varjetà li tista' tiġi mħawwla fi spazji żgħar peress li ma tikbirx ħafna;

- **Frantoio** – varjetà li l-frott tagħha jipproduċi ħafna żejt f'ammonti konsistenti minn sena għal'oħra però li għanda reżistenza baxxa kontra d-dubbiena taż-żebbuġ;
- **Cipressina** – varjetà ukoll użata għaż-żejt però li tintuża biex tiġi mħallta maż-żejt tal-Frantoio sabiex ittieħ aktar togħma.

## Kif Saret il-Preparazzjoni ta' l-Art meta Nżera' dan il-Masġar

Peress li l-għalqa tinsab f'post wieqaf, ir-riskju li tintilef ħafna ħamrija max-xita u bir-riħ huwa għoli ħafna, u għalhekk, il-preparazzjoni sabiex tissalvagwardja kemm jista' jkun din ir-riżorsa kellha ssir bir-reqqa u b'ħafna attenzzjoni. Fl-għalqa kienu jeżistu diġà siġar u veġetazzjoni selvaġġa li l-għeruq tagħhom għenu jorbtu l-ħamrija man-niżla sabiex din ma tintilifx.

Għalhekk, meta tħawwlu l-ewwel siġar taż-żebbuġ, ħafna mis-siġar selvaġġ tħallew fil-post sakemm iż-żebbuġ kiber biżżejjed u l-għeruq tagħhom ankraw irwieħhom sew fil-ħamrija. B'hekk setgħu joffru huma stess il-protezzjoni meħtiega lill-ewwel saff ta' ħamrija tal-wiċċ. Riżultat ta' dan, uħud mis-siġar u pjanti selvaġġi tneħħew biex jagħtu lok liż-żebbuġ jikber sew.



## Kif Tikber is-Siġra taż-Żebbuġ

Is-siġra taż-żebbuġ m'hijiex siġra li trid ħafna fond biex tikber. Però aktar ma tkun fonda l-ħamrija aktar tikber is-siġra. Minn daqshekk, Joe Borg m'għandux problema ta' fond għax kif inhi mtarrġa l-għalqa tipprovdi biżżejjed ħamrija.

Però s-siġar jirrikjedu attenzjoni speċjali ta' żbir biex ma' jikbrux iżżejjed. Huwa mportanti li wieħed iżomm f'moħħu li jekk is-siġra ssib ħafna fond, l-għeruq ikollhom fejn jikbru sew u daqskemm is-siġra tikber minn isfel daqshekk ieħor tikber minn fuq u żabra tajba darbtejn fis-sena hija mportanti sabiex jinżamm daqs kostanti li jgħati l-produzzjoni mistennija filwaqt li tiġi mantenuta l-faċilità tal-ġbir tal-frott.

Aktar ma tikber is-siġra aktar issir diffiċli biex jinġabar il-frott (speċjalment dawk li jkunu fil-friegħi l-għoljin) u aktar jitwal il-ħin li hemm riservat għal ġbir.

## Iż-Żabra

It-tip ta' żabra idejali hija dik imsejħa ***vase***. Joe Borg spjegali li din it-tip ta' żabra iżżomm is-siġra f'forma ta' vażun bi tlett friegħi prinċipali li jkunu jikbru miż-żokk ewlieni. Jinqatgħu il-friegħi li jkunu taw il-frott is-sena ta' qabel u jitħallew il-friegħi l-oħra. Uħud minn dawn li jitħallew jkunu l-friegħi l-ġodda li nibtu s-sena ta' qabel u se jkunu dawk li jgħatu l-frott fis-sena preżenti. Friegħi oħra li ma jinżabrux jkunu friegħi ġodda, liema friegħi huma ntiżi li se jagħtu l-frott is-sena d-dieħla. Din it-tip ta' żabra tagħti lok biex kull fergħa tkun esposta għad-dawl tax-xemx u l-ebda fergħa ma' tgħatti jew iddellel lill-oħra.

Tip ta' żabra oħra li ġieli pprattika Joe Borg hija dik *reġuvinanti* li tiġi applikata lil dawk is-siġar li jkunu ġew attakkati sew minn xi insetti jew mard jew inkella meta s-siġra tiżviluppa ħafna għeqiedi tul iz-zkuk u l-friegħi kollha msejħin *kallijiet*. Dawn il-kallijiet jiġu żviluppati meta z-zkuk iħokku ma' xulxin u jħallu qisa selħa, fuq liema selħa s-siġra tifforma qisu għata iebsa biex tipproteġi l-intern delikat ta' taħt il-qoxra taz-zokk. Din l-għata għanda t-tendenza tiġi attakkata minn batteri li jnaqqsu mill-effiċenza tas-siġra in ġenerali. F'każijiet bħal dawn ma jibqa' xejn aktar x'wieħed jagħmel ħlief li jagħti żabra kbira li permezz tagħha jitneħħew il-parti l-kbira tal-friegħi morda jew bil-ħsara u s-siġra terġa tingħata nifs ġdid u ħajja ġdida.

Iz-zkuk, friegħi u weraq li jaqa' ma l-art waqt iż-żbir, jiġi mqatta f'biċċiet żgħar ħafna u jinħarat fil-ħamrija sabiex iservi bħala materjal organiku. Dan il-materjal organiku huwa sors ta' nutriment siewi ħafna għas-siġar u jservi ta' fertilizzant naturali. Għal kuntrarju ta' dan, meta tinżabar jew tinqala siġra marida, il-materjal jitħalla fil-post u jiġi maħruq. F'każ ta' qlugħ, is-siġra tiġi mqatta f'biċċiet żgħar u maħruqa fl-istess toqba minn fejn tkun inqalgħet. B'hekk jiġi ggarantit li l-mard jinqered żgur u ma jinferix fuq siġar oħra.

## Irrigazzjoni

Meta s-siġra taż-żebbuġ tkun għada żgħira din ma' tirrikjedix wisq ilma u tminn litri f'siegħa applikati darba f'ġimgħa huma kkonsidrati suffiċenti. Għalkemm siġar taż-żebbuġ maturi jifilħu n-nuqqas ta' l-ilma, applikazzjoni tajba t'irrigazzjoni tissarraf fi produzzjoni għolja. Għal dan il-għan, Joe Borg jagħti 160 litru t'ilma s-siġra kull tlieta jew erbgħa ġimgħat, kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa. L-ilma jiġi applikat b'sistema t'irrigazzjoni magħrufa bħala *drip irrigation*. Din is-sistema twassal l-ilma lis-siġra permezz ta' pajpijiet imtaqbin b'żennuni ckejknin li minnhom joħrog ammont t'ilma regolat. Ir-regolazzjoni tal-pressa li biha joħroġ l-ilma hija kkontrollata minn pompa. B'hekk ma jinħeliex ilma, għaliex l-ilma jiġi dirett u mogħti eżatti fejn hemm bżonn u fi kwantitatjiet ikkalkolati, skond in-neċessitajiet tas-siġra. Minn barra l-ilma, s-siġra taż-żebbuġ ikollha bżonn ukoll l-ossiġnu fil-ħamrija. Dan l-ossiġnu jingħata permezz



*Ilma mħallat bl-arja f'konċentrazzjoni ta' 50% ilma u 50% arja*

ta' pajp ieħor mgħoddi flimkien ma dak ta' l-ilma u li minnu jgħaddi pressa t'arja eżatt, eżatt minn fejn ikun ħiereġ l-ilma.

## Fertilizzanti

Peress li dan il-masġar huwa organiku, ma jistgħux jiġu ntużati fertilizzanti kimiċi bħal m'huwa n-Nitroġenu. Għaldaqstant, Joe jipprattika sistema t'ikkultivar magħruf bħala *intercropping*. Din hija prattika fejn flimkien mas-siġar, il-bidwi jiżra' u jkabbar prodotti oħra. Dawn generalment ikunu dwieli jew ħaxix. Pereżempju din is-sena żera' l-ful. Il-ful, u ħxejjex oħra mill-familja tal-legumi, għandhom karatteristika li jipproduċu n-Nitroġenu naturali fl-għeruq tagħhom. Wara li l-pjanta tkun ipproduċiet il-fulu, dan jinqata' u dak li jibqa' mill-pjanta (zokk, weraq u għeruq) jiġi maħrut b'kollox lura fil-ħamrija. L-istess jiġri l-ħxejjex l-oħra bħal m'huma l-patata, t-tadam, bżar aħdar u oħrajn. B'hekk, Joe jiggarantixxi li fil-ħamrija hemm dejjem sors ta' nutriment naturali mingħajr ma jkun hemm bżonn li jżid sorsi oħra artifiċjali.

## Insetti u Mard Ieħor

L-aktar insett li jagħmel ħsara lis-siġra taż-żebbuġ huwa *Dacus olea* jew aħjar id-dubbiena taż-żebbuġ. Dan l-insett jagħmel ħafna ħsara lil frott għax jgħix ħajtu kollha gewwa l-frotta taż-żebbuġa. Metodu ta' kif jista jiġi kkontrollat huwa billi jinġabar u jitneħħa l-frott li jaqa' fl-art u li jkun mar, u l-frott li jibqa' fuq is-siġra wara l-ħsad jinqata kollu. Dan il-għaliex, id-dubbiena tbid fil-frott meta jkun għadu fuq is-sigra u matul ix-xitwa l-bajd ifaqqas u d-dudu jibqa jgħix ġo dan il-frott li jkun ma nqatax jew ma nġabarx sa ma terġa tasal ir-Rebbiegħa. Matul dan iż-żmien, meta s-siġra tkun qed tifforma l-frott, id-dudu jkun leħaq sar dubbiena u joħroġ biex jerġa jbid fuq il-frott il-ġdid.

Insett ieħor li jagħmel ħafna dannu lis-siġra huwa *Ceratitis capitata*, jew kif inhu magħruf aħjar bħala *Mediterranean fruit fly*. Dan l-insett jiġi kkontrollat billi jitħalla jikber ħaxix ħażin taħt is-siġra taż-



*Dacus olea*



*Żebbuġa attakkata minn Dacus olea.*

żebbuġ. Dan iservi bħala għata għal wiċċ tal-ħamrija li ma' jħallix lid-dudu ta' dan l-insett iħaffer fil-ħamrija sabiex jagħmel il-fosqa. Id-dudu ta' din id-dubbiena huwa kapaċi jgħix barra mill-ħamrija għal għaxar minuti biss. Jekk matul dan il-ħin id-dudu jiġi ostakolat milli jħaffer ġol-ħamrija u jifforma l-fosqa, l-problema tista' tiġi kkontrollata.

Mard ieħor li jikkawza problemi huma l-kallijiet, li għalkemm minnhom infsihom ma' jagħmlux ħsara però titrabba fihom ċertu batteru li huwa kapaċi jirrovina z-zokk kollu u ma jħallix lis-siġra tipproduċi frott kemm suppost.

## Il-Ġbir tal-Frott

Iż-żebbuġ tal-mejda jinġabar qabel dak intiż għaż-żejt. Dan iseħħ bejn Santa Marija u l-ewwel ġimgħa ta' Settembru meta l-frotta taż-żebbuġ tkun għada ħadra u l-livelli ta' l-aċtu fil-frott ikun għadu baxx ħafna. Iż-żebbuġ taż-żejt jibda jinqata' meta l-frotta tibdel il-kulur u minn ħadra ssir vjola, sewda jew bajda, skond il-varjetà.

Il-ġbir isir bl-idejn. Xbieki jitpoġġew taħt is-siġar sabiex dak il-frott li jaqa' jinġabar ġo fiha. Kull siġra tirrekjedi madwar nofs siegħa xogħol minn bniedem t'esperjenza sabiex jinqata u jinġabar il-frott kollu. Iż-żebbuġ jitpoġġa ġo konteniturі mtaqqba u jrid jiġi pproċessat fi żmien mhux aktar tard minn erbgħa siegħat altrimenti l-livell ta' aċtu li tibda tipproduċi l-frotta biex tipprepara ruħha għat-tnibbit ikun tant għoli li jnaqqas il-kwalità tal-prodott finali, u cioe' taż-żejt taż-żebbuġa.

## Il-Proċess taż-Żejt taż-Żebbuġa

Kull varjetà differenti ta' żebbuġ tiġi pproċessata separatament minn oħra. Il-proċess kollu huwa mekanizżat u jsir permezz ta' magna awtomatika li taħdem bid-dawl. Iż-żebbuġ maqtugħ jitpoġġa ġo

reċipjent kbir fejn ikun espost għall-minfaħ kbir u b'saħħtu li jifred il-frott minn ma xi weraq u dud li jkun inġabar miegħu. Dan il-materjal żejjed jaqa' f'kontenitur apposta fil-qiegħ tar-reċipjent. Wara, *laser* installat fir-reċipjent jgħaddi tul il-volum taż-żebbuġ kollu biex jiċċekkja li ma jkunx hemm xi metall bħal ċomb tas-snieter imwaħħal ġo xi frotta. Meta t-test tal-*laser* jitlesta, ż-żebbuġ jiġi maħsul permess ta' pressa kbira t'ilma sabiex jitneħħi xi dud u nsetti oħra li jista' jkun għad baqa mwaħħal mal-frott. Kamin kbir li jinsab fil-qiegħ tar-reċipjent imexxi ż-żebbuġ mir-reċipjent għal parti oħra tal-magna fejn iqatta ż-żebbuġ f'biċċiet żgħar. Minn hemm, il-biċċiet taż-żebbuġ jiġu ttrasportati lejn kompartiment ieħor tal-magna. Hawnhekk iż-żebbuġ jiġi magħġun għal 25 minuta sakemm il-konsistenza tiegħu tiġi qisa taħlita tal-pasti. Infatti din l-għaġna hija msejħa l-*impast*. Wara dan il-proċess, kamin ieħor iwassal l-impast ġewwa biċċ'apparat magħruf bħala *centrifigual* li permezz ta' sistema ta' tidwir b'veloċità kbira għandu l-kapaċità li jissepara l-impast fi tlett estratti separati – solidi, ilma u żejt taż-żebbuġa.

Iż-żejt jiġi miġbur ġewwa kontenituri kbar ta' l-*stainless steel*. Qabel però jiġi mħallat ma' żejt ta' varjetajiet oħra. Dan it-taħlit ma jsirx bl-addoċċ imma b'reqqa u bil-qies ħalli l-prodott ta' żejt finali jkollu l-karatteritiċi ta' togħmiet u kwalitajiet partikolari marbuta ma din ir-riċetta ta' taħlit



Ta' min wieħed isemmi li l-materjal żejjed taż-żebbuġ li jibqa wara li jiġi pproċessat iż-żejt huwa sors tajjeb ħafna t'enerġija. Tant hu hekk illi fit-Turkija, 20% ta' l-enerġija li jipproduċi l-pajjiż ġej minn dan il-materjal żejjed illi ġeneralment jintrema minn produtturi ta' pajjiżi oħra. Joe Borg ma jarmiehx dan il-materjal żejjed imma jerfgħu ġo kontenituri kbar apposta li għandu f'post imdelli ġewwa l-għalqa sabiex minnu jagħmel is-sekwestrin, fertilizzant ieħor naturali li għandu kontenut għoli ħafna ta' ħadid u li jrid jingħata lis-sigar minn żmien għal żmien.

## Għeluq

Dan iż-żejt taż-żebbuġa prodott minn Joe Borg, doqtu w ta' min wieħed jgħid illi t-togħma bnina, sempliċi u mimlija karattru, tiżboq fuq it-togħmiet l-oħra ta' żejt prodott b'sistemi konvenzjonali. Barra min hekk, il-fehma li l-prodott li qed tikkonsma huwa frott ix-xemx u l-elementi kollha naturali u fuq kollox lokali, mingħajr l-interferenza ta' sustanzi oħra li l-Bambin biss jaf minn fejn ġejjin, jagħmlu din esperjenza t'ikel unika li ġegħlitni nħoss ix-xewqa li naqsamha ma ħaddieħor. Għalhekk, nistieden lil kull min qed jaqra dan l-artikolu u li għandu għal qalbu l-prodott lokali li huwa bnin u ġenwin, sabiex lejn tmiem Awissu jżur dan il-masġar. Dakinhar, Joe jiftaħ il-bibien lil kull min hu nteressat u jistiednu jaqta mill-frott tas-siġar tiegħu u jieħdu lura miegħu d-dar. Dan kollu għal prezz żgħir. Joe jagħti ukoll informazzjoni ta' kif wieħed għandu jippreservah. B'hekk, min jixtri u jippreserva dan iż-żebbuġ jista' jserraħ moħħu li akkwista żebbuġ ta' kwalità x'jiekol mal-ħobż biż-żejt li tant huwa popolari matul il-ġranet sħan tas-sajf.

**Ritratti:** Eleanor Ciantar

**Ħajr:** Mr Joe Borg


